**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 17 t' Awwissu, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 33**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 32 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
33.5 Rapporti;
33.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
33.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Hitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
33.8 Aġġornament dwar Restawr tal-Pittura Titulari ta' Santa Katarina li tinsab fil-Kappella ta' Santa Katarina tat-Torba fil-Qrendi;
33.9 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
33.10 Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;
33.11 Il-Proġett Slow Streets;
33.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
33.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-33 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 24 t' Awwissu, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

33.1 <u>**QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**</u>

33.2.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

33.2.1 Il-Minuti tal-31 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu ppropunuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia

33.2.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 33.3, 33.4 u 33.5 jiġu diskussi wara Minuta 33.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

33.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

33.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'Awwissu l-kuntrattur kien *shut down* u għalhekk ma kien hemm l-ebda żvilupp.

33.6.2 Kompla jgħid li għandha ssir laqgħa mal-perit tal-proġett sabiex naraw il-*way forward*.

33.6.3 l-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk il-binja hiex lesta. Is-Sindku nfurmah li l-binja bħala ġebla lesta u fadal il-biċċa fejn ġej il-lift u l-apramorta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

33.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol ta kostruzzjoni sar apparti l-biċċa fejn kien hemm xi diżgwid mas-sidien fejn dawn ma ridux li ssir.

33.7.2 Qal li qed isir invellar tal-art u titnaddaf l-area. Barra minn hekk qed isiru t-tabelli hekk kif mitluba fil-ftehim li kelna mal-ARPA.

33.7.3 Huwa kompla billi qal li hemm it-tama li sal-aħħar ta' Settembru l-proġett ikun iffinalizzat.

33.7.4 Is-Sindku kompla billi qal li s-Segretarju Parlamentari għall-Findu Ewropej wera x-xewqa li jiġi jżur ix-xogħol li qed isir, pero għad ma hemm ebda data pjanata.

33.08 **AĠĠORNAMENT DWAR RESTAWR TAL-PITTURA TITULARI TA' SANTA KATARINA LI TINSAB FIL-KAPPELLA TA' SANTA KATARINA TAT-TORBA FIL-QRENDI**

33.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li minħabba li kelna ittra ta protest, il-proċess mar ftit lura minħabba li dan ingħata ħmistax -il-ġurnata ċans biex jappella. L-appell ma sarx.

33.08.2 Għalhekk il-persuna li rebħet it-tender ġiet infurmata u il-kuntratt ser jiġi ffirmat il-Ġimgħa 27 t' Awwissu, 2021.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 33.09 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI

33.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li ħarġet is-sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-sejħa ġiet ippubblikata fuq il-portal tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq tlett gazzetti lokali fosthom Times of Malta, l-Orizzont u n-Nazzjon. Ġiet ippubblikata ukoll fuq il-paġna tal-Kunsill.

33.09.2 Id-data tal-għeluq hija l-Ġimgħa 27 t' Awwissu 2021 f'nofs-in-nhar. Sal-ħin tal-laqgħa ma kelna ebda applikazzjoni u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li l-bord tal-għażla jiġi maħtur ladarba jkun hemm applikazzjoni.

## 33.10 TENDER FOR THE STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER IN QRENDI

33.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kuntrattur li għalkemm il-kuntrattur rebaħ it-tender beda f'Ġunju, ma aħniex kuntenti bis-servizz tiegħu u ta' kuljum qed ikolna numru ta' ilmenti mir-residenti. Apparti għal fatt li d-data tad-Datatrakk, kif kien stipulat fit-tender, għadu ma ġiex provdut.

33.10.2 Is-Sindku kompla jinforma li għandna niltaqaw mal-kuntrattur sabiex jiffirma l-kuntratt, peress li dan kien għadu ma sarx. Jekk naraw li mhux ser iżomm l-*istandards*, tinħariġlu default notice.

## 33.11 IL-PROĠETT *SLOW STREETS*

33.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa li tkellimna dwar dan il-proġett, ma nbidel xejn u li qatt ma għamilna kummenti favur jew kontra. Anke jekk fil-gazzetti qed jissemma li l-Qrendi ser ikun wieħed mill-lokalitajiet li ser jagħmel il-qalba tar-raħal pedonali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.11.2 Saret diskussjoni fir-rigward fejn il-Kunsill qed jaqbel b'mod unanimu li huwa ma jaqbilx li l-qalba tar-raħal jiġi pedonalizzat kemm fi ġranet speċifiċi u kemm fi tmiem il-ġimgħa, iktar u iktar meta sa mill-bidu nett konna ddiskutejna u ikkonfermajna dan il-fatt.

## 33.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

33.3.1 Is-Sindku David Schembri informa l-kamra li x-xogħol tal-conrete fi Triq Ħal Lew beda. Għad fadal tissolva l-problema ta fejn imur l-ilma tax-xita.

33.3.2 Is-Sindku qal li rċivejna korrispondenza fejn stednuna nagħmlu xi attivita' minħabba Pink October. Il-Kunsilliera Marion Parnis ser tara x'jistgħa jsir f'dan ir-rigward.

33.3.3 Is-Sindku informa lil Kunsillier Charles Zerafa li minflok l-Mobile App irridu nagħmlu website bid-data tal-iskadenza tkun l-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li ser jinforma lil persuna konċernata fir-rigward sabiex ikun jistgħa jibda l-proċess.

33.3.4 Il-kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li l-applikazzjoni tal-Ġnien tal-Warda ġiet sottomessa l-Planning Authority (Planning Gain) u qed tiġi evalwalizzata.

33.3.4.1 Qal li l-funtana għandna bżonn manutenzjoni, speċjalment il-pompa, fejn tlabna lil Public Works u dawn wegħduna l-għajnuna tagħhom.

33.3.4.2 It-Tourism Zones għenuna ukoll fit-tindif tal-ġnien permezz ta' *leaf blower*.

33.3.5 Is-Sindku David Schembri qal li fil-ġnien tal-Kmand qed isir drip irrigation u dan qed ikun sponsorjat mill-PARKS.

33.3.6 Is-Sindku David Schembri qal li hu u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna mill-Wasteserv Malta għal Waste reduction Awards.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.3.7 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li x-xogħol fuq il-Kappella tal-Grazzja għadu ma bediex għaliex qed nistennew lil Kappillan ineħħi l-affarijiet li hemm ġo fiha. Apparti minn hekk qed nistennew li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija li rebħet it-tender.

33.3.8 Is-Sindku David Schembri qal li riċentament irċivejna korrispondenza fuq is-Sustainable Development Week fejn ġejna mitluba nipparteċipaw f'dan l-avveniment.

33.3.8.1 Huwa kompla jgħid li ġie ikkuntatjat minn persuna li ħolqot power energy unit fejn dan jixtieq li jingħata permess li fl-20, 21, 24 u 25 ta' Settembru jħademm orgni b'dan il-power energy unit fil-Belveder ta' Wied iż-Żurrieq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

33.3.9 Is-Sindku kompla jinforma l-kamra li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' u għamel l-evalwazzjoni tiegħu fir-rigward tat-tender tal-ġbir ta' skart domestiku.

33.3.9.1 Qal li l-Kunsill Lokali għandu rapport quddiemu li jindika li l-irħas offerent teknikament konformi ma' dak mitlub fit-tender kien Christ Gatt għas-somma ta' €31,512.00.

33.3.9.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li r-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat, bil-Viċi Sindku Patrick Bugeja jissekonda.

33.3.9.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan ir-rapport.

33.3.10 Fir-rigward tal-korrispondenza li kelna dwar tqegħid ta' armar quddiem il-ħwienet, is-Sindku David Schembri nforma l-kamra li bħala Kunsill bagħtna t-termini u kundizzjonijiet li konna preparajna lil avukat tad-Dipartiment Lokali fejn din qaltilna li dan istgħa jsir biss fuq permess ta' *bye-law* u għal fini ta' okkażjoni waħda biss. Hija ukoll rreferietna għand Transport Malta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.3.10.1 Ir-risposta ta' Transport Malta kienet li spazju ta' parkeġġ ma jistgħax jittieħed sakemm ma jkunx hemm permess ta' darba mill-Kunsill.

33.3.6.3 Is-Sindku David Schembri qal li għamel talba lill-Enemalta sabiex id-dwal tal-istreet lighting ta' Triq it-Tempesta isiru LEDs. Il-proċess issa beda.

## 33.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

33.4.1 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja saqsa jekk fejn il-bankijiet li hemm ħdejn il-Klabb tal-Boċċi jistgħax isir dust bin. Is-Sindku talab li jindika fejn irid isir u jitwaħħal wieħed.

33.4.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa meta jsir xi funzjoni fil-ġnien tal-Kmand hux qed isir xi tip ta' ħlas.

33.4.2.1 Il-Sindku nfurmah li f'dan l-imsemmi ġnien qed isiru xi żwiġijiet ċivili u ta' dan qed iħalsu €50.

## 33.5 RAPPORTI

33.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 33.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

33.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €60,060.57 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/21 u €86.96 skont il-Petty Cash Ref Y/7

33.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

33.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 33.11 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

33.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 22 ta' Settembru, 2021 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Stephania Grixti** | **David Schembri** |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |